MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2301/2002

**SMS Insurance Agency Ltd bhala rappresentanti tas-socjeta estera Ecclesiastical Insurance Office plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata tagha Ruth Vella u b'digriet tat-Tribunal tad-19 ta' Jannar 2004, wara l-isem Ruth Vella gew mizjuda l-kliem "u l-istess Ruth Vella"**

**vs**

**Anthony Saliba**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf tlett mija u sittax-il lira Maltin (Lm1316) rappresentanti danni ikkagjonati f'incident stradali li sehh fil-Gudja nhar it-28 ta' Frar 2002 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura JAE816, habat mal-vettura JAB882, misjuqa minn Ruth

Vella, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-3 ta' Settembru 2002 u dawk ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax legali kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-18 ta' Frar 2003, fejn huwa eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-kollizzjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza u traskuragini da parte tal-konvenut kif allegat fit-talba.

Ra id-digriet tad-19 ta' Jannar 2004 fejn giet awtorizzata l-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens illi wara l-isem Ruth Vella zdiedu il-kliem "u l-istess Ruth Vella".

Sema' x-xhieda ta'l-attrici, ta' PS 994 Joseph Abela, Mark Axiaq in rappresentanza tas-socjeta attrici u tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh gewwa Triq Hal Far, il-Gudja, vicin  l-ajruport, meta z-zewg sewwieqa involuti kienu qeghdin isuqu fl-istess direzzjoni u cioe' l-attrici Ruth vella kienet qed isuq fil-karreggjata ta' barra tat-triq, n-naha tal-lemin filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq it-trukk tieghu fil-karreggjata tan-naha ta' gewwa u cioe' tan-naha tax-xellug. Jidher illi l-konvenut, li kien qieghed isuq trukk *left hand drive*, ma kienx f'posizzjoni jixhed dwar id-dinamika ta'l-incident u dana peress illi huwa ma rax lill-attrici qabel ma sehhet il-kollizzjoni, izda sema hoss biss u imbaghad ighid li ra l-vettura ta'l-attrici diehla f'*pole* tad-dawl li kien hemm fuq in-naha tal-lemin tat-triq.

Illi mill-verzjoni moghtija mill-attrici jirrizulta illi hija kienet qed issuq wara it-trukk tal-konvenut, fil-karreggjata tal-lemin, filwaqt li kif inghad iktar ‘il fuq l-konvenut kien qieghed fil-karreggjata tax-xellug. Kif avvicinat il-liwja fit-triq u giet biswiet dana it-trukk, hija tikkontendi illi t-trukk laqat il-vettura taghha fuq in-naha tal-genb ta’ wara bir-rota tal-lemin tat-trukk tieghu. Sussegwentement il-*bumper* ta’ quddiem tieghu baqa’ diehel dritt got-tieqa ta’ quddiem fuq in-naha tal-passiggier. Mad-daqqa, l-attrici tghid illi t-trukk kaxkarha u hija baqghet diehla f’*pole* tad-dawl li kien hemm fuq in-naha tal-lemin taghha sabiex b’hekk il-vettura taghha garrbet hsara anke fuq il-parti ta’ quddiem.

L-attrici taghti xhieda dettaljata ta’ kif sehhet il-kollizzjoni, izda madanakollu hija issostni illi ma taqbilx kompletament ma’l-iskizz imhejji mill-pulizija u dana ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok, minhabba l-fatt illi l-incident sehh fil-parti tat-triq fejn hemm il-liwja, kif hija indikat fid-Dokument RV1 u mhux fid-dritt kif hejja l-iskizz il-pulizija u fit-tieni lok, peress illi l-hgieg mill-vettura taghha kien jinstab fuq il-karreggjata tal-lemin u mhux fuq in-naha tax-xellug. Hija kienet gibbdet l-attenzjoni tal-pulizija ghal dana il-fatt meta marret sabiex tigbor l-iskizz mill-ghassa tal-pulizija xi jumejn wara.

Illi ix-xhieda ta’ PS 994 Joseph Abela f’dana r-rigward ma titfa’ l-ebda dawl fuq dawn iz-zewg punti kardinali, u dana ghaliex ix-xhieda tieghu hija wahda piuttost kontradittorja. Dana peress illi ghalkemm ghall-ewwel huwa jaqbel illi l-incident stradali sehh fil-parti tat-triq kif indikat fid-Dokument RV1 a fol.38 tal-process u jghid ukoll illi meta mar fuq il-post ta’l-incident kien hemm hgieg ma’ kullimkien tant illi lanqas seta’ jistabbilixxi l-i*spot of impact*, iktar ‘il quddiem fil-kontro-ezami huwa ighid illi l-hgieg kien sabu fil-parti id-dritta tat-triq u l-vetturi kienu weqfin fil-parti d-dritta u mhux fil-liwja. Inoltre isostni illi l-arblu tad-dawl li fih baqghet diehla l-attrici kien fil-parti d-dritta tat-triq. Ghal dawn il-motivi x-xhieda tieghu ma titfa’ l-ebda dawl fuq id-dinamika ta’l-incident u kif inghad iktar ‘il fuq il-verzjonijiet tas-sewwieq ma jaqblux ukoll dwar l-istess ghaliex it-tnejn li huma isostnu illi huma dejjem baqghu isuqu fil-

karreggjata taghhom tat-triq ma fl-ebda mument ma invadew il-karreggjata ta' xulxin. Illi ghalhekk it-Tribunal irid ifittex x'kienet il-kawza prossima ta' dana l-incident u x'seta' wassal sabiex zewg vetturi li qeghdin isuqu biswit xulxin fil-karreggjati rispettivi taghhom jispiccaw mahbuta kif sehh f'dana il-kaz.

Illi meta wiehed iqies ic-cirkostazni ta'dana il-kaz, il-konfigurazzjoni tat-triq u l-vetturi rispettivi li kienu involuti f'dana l-incident isib illi l-konvenut kellu responsabbilta' akbar fl-attenzjoni mehtiega ghal sewqan prudenti. Dana peress illi min ikun qieghed isuq vettura ta' certu kobor ghandu jezercita l-prudenza massima fis-sewqan tieghu b'mod li jassigura li f'kull hin ikun f'posizzjoni li jikkontrollaha. Mhux biss il-kobor, imma ukoll it-toqol tal-vettura huma elementi li jimponu kawtela akbar fuq is-sewwieq. F'dan il-kaz il-konvenut, di piu' kien qed isuq trukk *left hand drive*, vettura ghalhekk li ma hijiex manifatturata ghas-seqan fit-toroq Maltin, u ghalhekk kellu responsabbilta' akbar sabiex jaccerta ruhu li f'kull mument huwa ikun f'posizzjoni li jikkontrollaha, aktar u aktar meta l-kondizzjonijiet u l-fattispecje tat-triq jipprezentaw xi ostakolu bhal liwja pjuttost iebsa fit-triq, fejn huwa kemmxejn facli illi l-vettura specjalment wahda ta' dana il-kobor ma isegwiex il-konfigurazzjoni tat-triq fis-sewqan taghha. Tant il-konvenut ma kienx qieghed izomm din l-attenzjoni mehtiega, illi lanqas biss induna illi kien hemm vettura qed tinsaq biswiet tieghu, hlief meta huwa ighid li sema xi hoss. Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut ma kienx qieghed attent ghas-sewqan  tieghu, iktar u iktar meta kien qieghed isuq vettura ta' certu kobor li di piu kienet *left hand drive* u kien qieghed joqrob lejn liwja fit-triq. Jidher illi huwa kien biss qed ihares quddiemu waqt is-sewqan tieghu, minghajr ma kien qieghed jaghti kaz tat-traffiku li kien qieghed jinsaq, warajh u hdejh.

Min-naha taghha l-attrici kienet cara u skjetta fix-xhieda taghha u tat dettalji precizi dwar kif sehh dana l-incident, li ghalhekk it-Tribunal isib illi x-xhieda taghha hija iktar wahda kredibbli u verosimili. Ghar-rigward l-iskizz imhejji mis-surgent tal-pulizija u esebiet bhala Dokument RV5 a fol.45 tal-process, it-Tribunal huwa tal-fehma illi tali skizz

ma jistax jinghata l-piz mehtieg bhala prova dokumentali u dana fid-dawl tax-xhieda moghtija mis-surgent stess fejn kif inghad iktar ‘il fuq, hemm kontradizzjonijiet kontinwi, tant illi huwa ma tefa’ l-ebda dawl fuq id-dinamika ta’l-incident hlief ghal posizzjoni li spiccaw fihom il-vetturi wara l-impatt.

Illi ghal dawn il-motivi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kawza prossima ta’l-incident kien is-sewqan tal-konvenut li ma hax il-prekawzzjonijiet kollha mehtiega fis-sewqan tieghu tant illi huwa lanqas kien konxju tat-traffiku li kien ghaddej fit-triq f’dak il-mument u invada l-karreggjata tal-lemin fejn  kienet qed issuq l-attrici meta wasal fil-liwja, b’mod li b’hekk sehhet il-kollizzjoni.

Illi ghar-rigward tal-quantum tad-danni ma jidhirx illi qed issir kontestazzjoni mill-kontro-parti, oltre ghal fatt illi mix-xhieda ta’ Mark Axiaq u mid-dokumenti esebiti (fol.58 sa 66 tal-process), meta imqabbla mad-dinamika ta’l-incident, l-ammont mitlub jidher li huwa wiehed gustifikat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza, u ighaddi sabiex filwaqt li jichad l-eccezzjoni sollevata minnu, jilqa’ it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf tlett mija u sittax-il lira Maltin (Lm1316), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Settembru 2002 u dawk ta’l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------